**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 t'Ottubru 2020**

**Talba Nru: 302/19 CZ**

**Albert Borg**
**vs.**

**Rita Refalo sive Refalo Caruana u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2019 issejjah fil-kawza Kevin Refalo**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fil-11 t'Ottubru 2019 li biha talab illi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna li l-konvenuta tigi kkundanna thallas lill-attur is-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€1,028.79) dovuti lill-attur bhala bilanc dovut fuq provvista ta' merkanzija bl-ingrossa, bl-imghaxijiet legali kkalkulati mill-31 ta' Ottubru 2011 u bl-ispejjez legali, inkluzi tal-ittra ufficcjali Dok. A.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-6 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepiet:

1. ILLI fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli stante illi r-rikors kellu jigi intavolat minn Albert Borg in rapprezentanza ta' Philip Borg General Merchants u mhux f'ismu propju;

2. Illi inoltre l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq bejgħ bl-imnut li sar fis-sena 2017, kif ammess fl-Avviż tat-Talba, u għalhekk l-azzjoni attriċi hija preskritta skont l-Art. 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Illi inoltre l-ebda ammont kif mitlub m'hu dovut mill-eccipjenti stante li t-talba tal-attur fil-konfront tal-esponenti hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kwalunkwe negozju illi l-attur ghamel ghamlu mhux mal-konvenuta imma ma' Kevin Refalo li huwa l-eks ragel taghha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv u dan kif ser jirrizulta ampjament car waqt il-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa ingunt in subizzjoni.

Ra wkoll illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Dicembru 2019 issejjah fil-kawza zewg il-konvenuta, Kevin Refalo.

Ra wkoll ir-risposta tal-imsejjah fil-kawza Kevin Refalo prezentata fid-19 ta' Frar 2020, li eccepixxa:

1. Illi l-ammont pretiz jirrelata ma kunsinna ta' merce f'dak li kien il-hanut gestit mill-kjamat in kawza u mill-intimata Rita Refalo, *ossia* kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti li ghalih *se mai* huma responsabbli t-tnejn li huma *in solidum*, stante li l-hanut imsemmi kien jifforma d-dhul tal-partijiet matul iz-zwieg taghhom, illum xolt;

2. Illi in oltre l-attur jehtieg jipprova l-ammonti reklamati permezz ta' fatturi u dokumentazzjoni ohra u li f'dan l-istadju l-esponent jirrizerva d-dritt tieghu li jissottometti fir-rigward tal-ammont pretiz galadarba dan isehh;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-attur[1], ra l-affidavit tal-imsejjah fil-kawza[2].

Sema' t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi fil-kwistjoni odjerna l-attur qieghed jitlob li jithallas minghand il-konvenuta ghal hlas ta' merkanzija relatata ma' hanut tal-merca li l-konvenuta kienet tiggestixxi. Irrizulta matul il-kawza li dan il-hanut il-konvenuta kienet tiggestieh ma' zewgha, l-imsejjah fil-kawza.

[1] Fol. 13 et seq.
[2] Fol. 54 et seq.

Il-konvenuta eccepiet fl-ewwel lok li l-kawza ma kellhiex issir mill-attur proprio, izda mill-kumpanija. Irrizulta izda illi kumpanija ma kienx hemm f'dan il-kaz, u l-kliem 'Philip Borg General Merchants' huma biss l-isem tal-azjenda kummercjali li jiggestixxi l-attur. Izda kumpanija b'personalita' guridika distinta ma hemmx. Ghalhekk il-konvenuta ma kinitx korretta teccepixxi din ix-xorta ta' eccezzjoni.

Illi fuq il-mertu, l-attur xehed illi kien ibiegh affarijiet tal-helu u cikkulati lill-konvenuta u l-imsejjah fil-kawza u esebixxa rendikont ta' hlasijiet dovuti illi fil-verita' jiskorri l-ammont minnu mitlub, izda t-Tribunal sejjer biss jikkunsidra dak mitlub mill-attur.

Illi ma giex kontestat illi fil-fatt il-konsenji msemmija mill-attur effettivament saru lill-hanut tal-konvenuta u l-imsejjah fil-kawza. Il-konvenuta pero' eccepiet il-preskrizzjoni tat-tmintax –il xahar taht l-Artiklu 2148 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-precizjoni, il-konvenuta ma ccitatx liema sub-artikolu ta' dan l-artikolu qed tinvoka u t-Tribunal mhuwiex tenut ifittex huwa taht liema sub-artikolu taqa' d-difiza tal-konvenuta, peress li hija l-konvenuta li trid tispecifika liema preskrizzjoni partikolari qed teccepixxi u taht liema sub-artikolu. Ghal dan biss, it-Tribunal jista' jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u dan skond l-insenjament tal-qrati nostrani f'diversi sentenzi. Insibu fost ohrajn is-sentenza *Joseph Gauci vs. Saviour Farrugia*[3], li fiha ntqal:

> Riferibilment ghall-gravam imqanqal fir-rikors ta' l-appell mill-konvenut, jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d' ufficio* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi *d' ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;
>
> Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f' materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u

[3] Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Philip Sciberras – 22 ta' Gunju 2005

ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" – **Kollez. Vol. XXXIII P I p 481**;

Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f' ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri *et***", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;

Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud;

Illi f'kull kaz, irrizulta illi saru hlasijiet anke pjuttost ricenti u cioe' fis-7 ta' Mejju 2017, li bihom ghalhekk il-konvenuta rrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-imsejjah fil-kawza, bir-risposta u l-affidavit tieghu, isostni illi ghandhom jekk xejn iwiegbu l-konvenuta u hu flimkien, in solidarjeta', peress li dan il-hanut kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom. Fl-affidavit tieghu, izid pass iehor, u jghid illi kienet il-konvenuta li kienet baqghet tiggestixxi l-hanut wara s-separazzjoni ta' bejniethom u hu ftit li xejn kellu x'jaqsam mat-tmexxija tal-hanut. Jibqa' l-fatt pero' illi mill-kuntratt ta' sepazzjoni esebit jirrizulta illi dan il-hanut fil-kuntratt ma jissemma mkien, u l-partijiet ghalhekk accettaw illi dan il-hanut ha jibqa' in komun bejniethom, anke jekk il-komunjoni tal-akkwisti intemmet. B'konsegwenza ta' dan, anke l-obbligi li ghandhom, u li jirrizultaw mill-hanut in kwestjoni, huma tat-tnejn, u wiehed ma jistax jghid li m'ghandux ihallas semplicement ghaliex kienet qed tmexxi l-hanut il-parti l-ohra.

Illi l-konvenuta teccepixxi wkoll illi l-ammont mitlub huwa eccessiv, pero' lit-Tribunal irrizultalu propju bil-kontra, u cioe' li l-attur talab inqas minn dak imsemmi fir-rendikont tieghu.

Illi ghaldaqstant, ghandu jirrizulta illi l-ammont reklamat huwa dovut, u pagabbli mill-konvenuta u l-imsejjah fil-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tal-imsejjah fil-kawza, jilqa' t-talbiet tal-attur u jordna lill-konvenuta u lill-imsejjah fil-kawza jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u tmienja u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€1,028.79), flimkien mal-imghax, li ghandu jibda jiddekorri mill-31 t'Ottubru 2011. L-ispejjez ta' din il-kawza u tal-ittra ufficcjali numru 959/19 ghandhom jithallsu mill-konvenuta u mill-imsejjah fil-kawza.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur